# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024**

**Numru : 12**

**Rikors numru 1143/2019/2 TA**

**Andrew Cilia u martu Anna Ursula Cilia; u
Carmelo Cilia u martu Geronima Cilia**

***v.***

**Angelo u Josephine konjuġi Spiteri u
*Shuberg Holdings Limited* (C-19155)**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April 2023 illi ikkundannathom iħallsu kumpens lill-atturi wara li sabet illi nqdew ħażin u abbużivament bi proċeduri ġudizzjarji. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-konvenuti kienu fetħu kawża fl-ismijiet Angelo Spiteri *et v.* Andrew Cilia *et* (ċitaz. 1003/2006) kontra l-atturi biex jitolbu l-ħlas ta' mitejn u erbgħa u

sebgħin elf, mija u disgħa u sittin lira ta' Malta (Lm 274,169) – illum sitt mija u tmienja u tletin elf, sitt mija u wieħed u erbgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€ 638,641.97) – barra l-imgħaxijiet. Biex iħarsu l-pretensjonijiet tagħhom miġjuba f'dik il-kawża kisbu l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji ta' sekwestru (1586/2006) u ta' inibizzjoni (1585/2006). Dan għamluh għalkemm l-atturi b'ittra ġudizzjarja mibgħuta f'Awissu tal-2006 kienu wissewhom illi "tafu illi m'għandkom l-ebda dritt li tavvanzaw tali talba u għahekk imwissija sabiex timxu fil-parametri ta' dak li hu ġust u sewwa".

3. Biex jeħilsu mill-effetti tal-mandati – li jgħidu li għamlulhom ħafna ħsara fin-negozju tagħhom – l-atturi kellhom jagħmlu spejjeż biex jagħtu garanzija bankarja u jorbtu proprjetà immobbli.

4. Il-kawża 1003/2006 inqatgħet kontra l-konvenuti tallum (atturi f'dik il-kawża) b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Jannar 2012; appellaw iżda l-appell ġie miċħud b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2016. Talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza, iżda din it-talba għal ritrattazzjoni ġiet miċħuda b'sentenza tat-28 ta' April 2017.

5. Billi jgħidu illi l-proċeduri mibdija mill-konvenuti kontrihom kienu abużivi u għamlulhom ħafna ħsara, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara li l-konvenuti ikkaġunaw danni bil-ħruġ tal-mandati li huma ħarġu fuq responsabilità tagħhom kontra l-atturi;

»2. tillikwida d-danni hekk ikkaġunati;

»3. tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu d-danni hekk likwidati;

»bl-ispejjeż … … …

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. … … … kull wieħed / waħda mill-atturi għandu jagħmel il-prova tal-interess partikolari tiegħu / tagħha in rigward tat-talbiet;
>
> »2. … … … il-preskrizzjoni tat-talbiet attriċi bid-dekors tat-terminu ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;
>
> »3. … … … l-esponenti ma kkawżaw l-ebda dannu lill-atturi u l-atturi ma soffrew ebda dannu kaġun tal-agir tal-esponenti;
>
> »4. l-esponenti ħadu biss dawk il-passi li kienu intitolati ghalihom skond il-liġi, fil-limiti tal-istess, u b'hekk ikkawtelaw il-pretens-jonijiet tagħhom skond il-liġi;
>
> »5. l-atturi għandhom fi kwalsiasi każ … jippruvaw id-danni minnhom allegati;
>
> »6. it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu għalhekk miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenuti;
>
> »tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet;
>
> »tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li Il-konvenuti kkaġunaw danni bil-ħruġ tal-mandati li ħarġu fuq ir-responsabbilità tagħhom kontra l-atturi;
>
> »tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni fl-ammont kumplessiv ta' disgħa u sittin elf u erbgħin euro (€69,040) … … …;
>
> »tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat, bl-imgħaxijiet ta' 8% fuq l-ammont ta' ħamsa u tletin elf u erbgħin euro (€35,040) b'effett mill-10 ta' Jannar 2012 … … …
>
> »Spejjeż kollha għall-konvenuti solidalment bejniethom.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »6. Ma hemm ebda dubbju li l-azzjoni kif impostata hija abbażi tal-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili, anke jekk fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jagħmlu referenza għall-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm il-qorti trid ukoll tgħid li użu ħażin u abbużiv ta' dritt neċessarjament isib ukoll rifless fit-tip ta' responsabbiltà msemmija mill-atturi fl-artikoli minnhom indikati.
>
> »7. Ma hemm ebda dubbju li l-ottiment ta' mandati kawtelatorji huwa dritt mogħti direttament mil-liġi taħt artikolu 829 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> »“Kull persuna tista’, mingħajr ma hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta’wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.”

»8. Għalhekk huwa ġust li min ikollu *probabilis causa litigandi* jingħata l-mezz li jikkonserva l-patrimonju tad-debitur, pendenti kawża, sabiex wara l-ġudizzju finali jsib biżżejjed proprjetà biex ikun jista’ jesegwixxi titolu tiegħu fuqha. Id-dritt li persuna tottjeni l-ħruġ ta’ mandati kawtelatorji ma jfissirx li, biex ikun jiswa, bil-fors irid ikun hemm iċ-ċertezza tar-rebħ, iżda biss il-possibiltà li jkun hemm rebħ hija waħda raġjonevoli u fattwali.

»9. B’dana kollu, bħal kull eżerċizzju ta’ dritt, anke hawn insibu l-limiti ta’ kif dan għandu jkun eżerċitat. Di fatti artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

> »“Kull min jagħmel użu ta’ jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b’dan l-użu.”

»10. Sa fejn jirrigwardja tal-azzjoni attriċi fejn qed titlob il-kundanna tal-konvenuti għad-danni minħabba u b’konsegwenza ta’ ottentiment ta’ mandat kawtelatorju, kollox irid jitqies fil-kwadru ta’ żewġ prinċipji ewlenin:

»• l-ewwel wieħed huwa dak li min jeżerċita dritt li jippretendi li għandu ma għandux ikun miżmum responsabbli għall-ħsara subita minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq tal-jedd pretiż u dan konsonanti mal-prinċipju antik ta’ *qui suo jure utitur neminem lædere videtur*.

»• it-tieni wieħed jirrigwarda li d-dritt li wieħed jipprova jikseb ir-rimedji tiegħu billi jadixxi awtorità ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b’idejh m’għandux ikun mxekkel bla bżonn. Il-qrati tagħna dejjem irrikonoxxew ukoll li d-dritt li persuna tirrikorri għal rimedji ġudizz-jarji ma għandux jitqies bħala abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex jiffastidja jew b’mod fieragħ iġib lill-parti l-oħra f’sitwazzjoni li jkollha togħtor quddiem ir-rikatt b’dana li jkollha ċċedi l-atti, għandha jew m’għandhiex raġun.

»11. Kien għalhekk ukoll li fil-kuntest ta’ diverbji u pendenzi ta’ din ix-xorta, il-qrati tagħna, minn żmien għal żmien, spjegaw il-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista’ jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F’dan id-dawl intqal li “*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola ‘pretensione*’” (ara app. ċiv. 7.7.1920 fil-kawża fl-ismijiet <u>Miller Blacker *et v.* Howard</u> Kollez. Vol: XXIV.I.55).

»12. F’dan ir-rigward l-awturi wkoll jgħallmu li l-prinċipju enunċjat taħt l-artikolu 1030 “… *infatti, vieta al propietario di compiere atti i quali non abbiano altro scopo che quello di nuocere o recare moltestie ad altri. E la guirisprudenza la interpreta comunamente come se esigesse direttamente il dolo, nella accezione di ‘animus nocendi’, quale presupposto irrinunciabile dell’atto emulativo*” (ara Giovanna Visintini, *Trattato Breve della Responsabilità Civile*, *Cedam*, 1996 pġ. 333).

»13. Għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun intavolat proċedura (u konteswalment magħha tkun otteniet il-ħruġ ta' mandati biex jikkawtelaw dik il-pretensjoni) li, wara l-istħarriġ tal-qorti, ma tiġix akkolta, kif ingħad aktar 'il fuq, ma jkunx ifisser, b'daqshekk biss, li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-qorti (ara sentenza tal-Qorti Kummerċ tal-24 ta' Jannar 1895, fl-ismijiet Denaro *v.* Page *noe* (Kollez. Vol: XV.34).

»14. F'sens ġenerali, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja huwa ikkunsidrat biss eċċezjonalment mill-qrati. L-abbuż irid ikun imnissel minn għemil qarrieqi tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mill-frugħa tal-pretensjoni nfisha (ara sentenza tal-Qorti tal-App. Ċiv. tal-10 ta' Jannar 1955 fl-ismijiet Calleja *v* Grima, Kollez. Vol: XXXIX.I.24) Fejn jirriżulta l-element ta' għemil fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan x'aktarx jindika l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju (app. ċiv. 26.1.1926 fil-kawża fl-ismijiet Mugliette *v.* Bezzina, Kollez. Vol: XXVI.I.405).

»15. F'dan ir-rigward ingħad ukoll li għalkemm il-kawżi li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli għad-danni, din ir-responsabbilità ma hiex marbuta biss mal-erba' ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8). Fid-dawl tar-regoli ġenerali tar-responsabbiltà jrid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (ara sentenza tal-P.A, tat-18 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet John Zarb *v.* **Port Cottonera Ltd**).

»16. Proprju biex jikkumplementa dak li ġie osservat dwar artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili jekk mhux ukoll b'estensjoni tal-istess, kwantu jirrigwarda l-artikolu 829 tal-Kap. 12 fuq imsemmi, dawn il-qrati jgħallmu hekk dwar l-iskop tiegħu u *cioè* li dan jagħti dritt lill-individwu li "'sabiex iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tal-kreditur'. Iżda mhuwiex intiż sabiex ikun mezz fejn issir pressjoni indebita kontra d-debitur sabiex iġġiegħlu jaċċetta t-termini tal-kreditur meta dan ghadu mhux hekk kanonizzat b'deċizjoni tal-qorti" (ara digriet tal-10 ta' Marzu 2011 fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 861/07 fl-ismijiet Kenneth William Donaldson *et noe v.* Nita Gavin). Fil-fatt dak l-artikolu jgħid ċar li l-mandati "… jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha". Il-liġi tgħid appositament dan biex tfakkar ukoll dwar l-obbligi li għandu min għandu xi pretensjoni naxxenti minn artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili (ara sentenza tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet *Busietta Gradens Limited v. Civil Engineering and Contractors Limted et*).

»Preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili

»17. Qabel ma l-qorti tgħaddi biex tinvesti l-mertu, sejra l-ewwel tikkonsidra l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fit-tieni eċċezzjoni. F'din l-eċċezzjoni l-konvenuti jgħidu li t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors tat-terminu ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

»18. Il-qorti eżaminat l-atti u jirriżultalha li din l-ittra uffiċjali tassew kienet inbagħtet. Din l-ittra ġiet presentata fl-20 ta' Diċembru 2017 u notifikata lill-konvenuti fit-28 ta' Diċembru 2017. L-aħħar sentenza, dik ta' ritrattazzjoni ngħatat fit-28 ta' April 2017 u dan kif hemm ukoll indikat fl-ittra uffiċjali imsemmija.

»19. Dan ifisser li din l-ittra serviet l-iskop tagħha li tinterrompi l-preskrizzjoni. Għalhekk, il-preskrizzjoni reġgħet bdiet tiddekorri b'effett

mit-28 ta' Diċembru 2017. Isegwi li ġaladarba l-kawża ġiet intavolata fit-2 ta' Diċembru 2019 u notifikata lill-konvenuti fit-18 ta' Diċembru 2019, huwa ċar li, fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni abbażi ta' dan l-artikolu ma treġġix. Di fatti, tant is-sitwazzjoni hija ċara f'dan ir-rigward li fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti l-anqas ħassew li għandhom jindirizzaw din l-eċċezzjoni.

»20. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

»Il-mertu

»21. Jemerġi ċar mill-provi li kontestwalment mal-kawża numru 1003/2006 fl-ismijiet inversi ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru 1586/2006 u l-mandat ta' inibizzjoni numru 1585/2006. Fl-2009 l-atturi[1] ħarġu ukoll mandat ta' sekwestru ieħor bin-numru 1409/2009. L-ammont li riedu jikkawtelaw kien dak ta' Lm 274,169. Wara ġew depositati €1,965.38 permezz ta' ċedola ta' depositu tal-*HSBC* tal-5 ta' Novembru 2006, ċedola oħra bin-numru 1193/2006 mill-*BoV* fl-ammont ta' €52,379 u kif ukoll depożitu ieħor b'ċedola tat-22 ta' Settembru 2009 minn Alfred Grech, … li presumibilment huwa l-ammont miġbur, kif jixhed l-attur Carmelo Cilia, sehem l-atturi Cilia fuq bejgħ ta' proprjetà fl-ammont ta' € 47,836.91.

»22. Il-konvenut Carmelo Cilia jgħid li skond stima li għamel il-Perit Tony Fenech Vella il-valur tagħha kien tliet miljuni seba' mija u sitt euro. Minn din l-art kellhom terz kull waħda mill-konjuġi konvenuti. Kien il-Perit Fenech Vella li għamel ir-rapport fil-31 ta' Ottubru 2006. Ma hemm ebda dubbju li, sakemm inqatghet l-ewwel kawża, il-valur tas-sehem tagħhom awmenta b'mod sostanzjali għaliex hekk tiddetta r-raġuni fid-dawl tal-mod kif sploda s-suq tal-proprjetà u anke minħabba l-akkwata ta' fejn tinsab din l-art, li hija waħda altament kummerċjali.

»23. Il-konvenuti pprovaw ineħħu l-effetti tal-mandat ta' sekwestru minn fuq il-flus likwidi li kellhom, bit-tama li jibqgħu għaddejjin b'ħajjithom, billi talbu r-revoka tiegħu permezz ta' rikors numru 1004/2006. It-talba għamluha abbażi tal-artikolu 836(1)(*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-konjuġi Spiteri, konvenuti f'din il-lawża, liema garanzija tista' tissodisfa lill-qorti u tassigura biżżejjed il-pretensjoni. F'dak il-mandat ġiet anke annessa l-istima tal-imsemmi Perit Anthony Fenech fejn ukoll intwera li sehem l-atturi kien jiswa Lm2,517,333 mill-art miżmuma. Tajjeb li jingħad li l-konvenuti qatt ma ikkontestaw il-valur tal-art inkwistjoni.

»24. Il-qorti tirrileva ukoll li d-digriet tal-qorti fuq imsemmi b'ebda mod ma jżomm lil din il-qorti milli taħsibha mod ieħor, mhux biss għaliex dik il-qorti iddeċiediet *prima facie*, iżda għaliex din il-qorti kellha l-opportunità timrah aktar fil-fond tal-kwistjoni li għandha quddiemha. L-anqas ma din il-qorti ma tista' tinjora dak li intqal fl-istess sentenzi li ġew provokati mill-konvenuti f'din il-kawża.

»25. Fil-kawża ċitazzjoni numru 1003/2006 b'ismijiet inversi fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar 2012 il-qorti osservat hekk:

---

1 Il-konvenuti tallum

> »"… … … Ghalhekk, mill-assjem taċ-ċirkostanzi, il-qorti hi tal-fehma li l-ammonti mħallsa mill-atturi huma effettivament pagamenti magħmula minnu in adempjenza tal-obbligi minnu assunti bil-ftehim milħuq mal-konvenuti".

»26. Biex taghmilha aktar ċara, il-qorti kompliet tghid kienet qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti ghaliex "ma hux minnu li hemm xi dejn dovut lill-atturi".

»27. Mingħajr ebda tlaqliq din il-qorti tgħid li, għalkemm il-bon sens messu saltan minn snin qabel ma ngħatat din is-sentenza, jekk kien hemm mument fejn il-konvenuti messhom fetħu għajnejhom dwar kif għandhom jirregolaw irwieħhom fir-rigward tal-mandati kawtelatorji, kien proprju wara din is-sentenza. Kellhom kull opportunità biex tal-inqas jillimitawhom għal mandat ta' inibizzjoni biss. Minflok interponew appell minn din is-sentenza. Dan l-appell ġie deċiż fil-11 ta' Marzu 2016 u, sabiex jemerġi l-animu li mxew bih il-konvenuti f'din il-kawża jimmerita li passaġġ minn din is-sentenza jiġi ċitat *in extenso*:

> »"Din il-qorti wara li eżaminat il-fatti hekk kif jirriżultaw mid-dokumenti esebiti, mix-xhieda mogħtija u wara li eżaminat ukoll il-kuntratti kollha esebiti, hi tal-fehma li l-ewwel qorti għamlet apprezzament xieraq tal-fatti hekk kif jirriżultaw mill-atti. Dan qiegħed jingħad partikolarment għall-fatt li mill-istess xhieda tal-attur in kontro-eżami huwa jgħid:
>
> > »"'Jiena nikkonferma li kont se nixtri terz mill-art għall-prezz ta' Lm 629,000, però minn dak ma sar xejn ... … … Dawn il-flus kont ħa nhallashom billi nħallas lil-*Lands Department* u nagħmel pagamenti tal-*HSBC*, li kien id-dejn li l-konvenuti Cilia kellhom mal-*HSBC* … … … Jiena nikkonferma li l-ammont ta' Lm 387,000 kien l-ammont li kien għad fadal dovut lil *HSBC* għaliex huma qaluli basta tħallas kull ma fadal li għandu jieħu l-*HSBC … … …* Huwa minnu illi dak l-ammont kien niżel daqshekk minħabba l-pagamenti li għamilt jiena diġà lill-bank.'
>
> »"<u>Din hija ammissjoni ċara dwar x'kien il-ftehim bejn il-partijiet</u> u li effettivament it-terz tal-art li kienu ser jixtru l-atturi kienet tassew għall-prezz miftiehem permezz tal-ewwel konvenju u mhux dak tat-tieni wieħed. *Inoltre* jirriżulta ċar il-ħlas tal-akkwist tat-terz tal-art da parti tal-atturi kellu jsir permezz tal-ħlas lill-Kummissarju tal-Artijiet fuq il-kuntratt t'akkwist u ħlas lill-bank għas-self mogħti in konness-joni mat-trasferiment tal-istess art lill-konvenuti. L-affarijiet komplew jikkumplikaw ruħhom peress li l-atturi iddeċidew jassenjaw id-drittijiet tagħhom li jixtru dan is-sehem indiviz lill-imsemmi bank fil-kwalità tiegħu ta' *trustee*, permezz tal-kuntratt ta' bejgħ tal-21 ta' Frar 2006, filwaqt li l-atturi ċedew u assenjaw id-drittijiet tagħhom kollha naxxenti mill-konvenju tagħhom mal-konvenuti Cilia fuq il-proprjetà trasferita bis-saħħa tal-istess kuntratt (u din iċ-ċessjoni kienet espressament iddikjarata li qiegħda issir bla korrispettiv). Fit-tieni [*sc.* parti] tal-kuntratt il-konvenuti Cilia bħala vendituri bigħu u ittrasferew lill-bank kumpratur, fil-kapaċità tiegħu ta' *trustee*, li b'hekk akkwista terz indiviż tal-għalqa f'Santa Venera bil-kejl ta' ċirka 12,970 metri kwadri, versu l-prezz ta' Lm 387,275, li minnhom tnaqqsu l-ammonti mħallsa lill-vendituri qabel dak in-nhar tal-kuntratt, filwaqt li l-bilanċ tħallas lill-vendituri dak il-ħin stess quddiem l-attur Spiteri. Din il-qorti tosserva illi filwaqt li fuq dan il-kuntratt il-konvenuti Cilia daħħlu somma flus mingħand il-bank, <u>l-</u>

attur Spiteri ma ressaq ebda pretensjoni dak il-waqt għas-somma flus li allegatament "silef" lill-konvenuti, għajr għas-somma ta' Lm 16,038.22, li tirriżulta tifforma parti minn proċeduri separati ta' arbitraġġ.

»"Tenut kont tal-iskritturi kollha li saru sabiex jiġu protetti l-interessi rispettivi tal-partijiet, jirriżulta diffiċli lil din il-qorti sabiex tifhem kif l-atturi ma għamlu ebda skrittura speċifika sabiex tissalvagwardja dan l-allegat "self" li huma jivvantaw permezz tal-proċeduri odjerni, jekk mhux għaliex, kif jgħidu lkonvenuti, li l-atturi kienu sejrin jixtru l-art bħala korrispettiv għall-flus li huma ħarġu. *Inoltre* lanqas ma hemm spjegazzjoni loġika għall-aġir tal-atturi li jressqu din il-kawża meta apparentement ċedew id-drittijiet tagħhom fuq il-konvenju lill-bank bħala *trustee* mingħajr ebda korrispettiv ta' xejn, meta kienu jafu sew il-valur attwali ta' terz indiviż tal-art in kwistjoni, peress li kienu direttament involuti f'negozjati ma' terzi li kienu saħansitra offrew kważi erba' miljun lira Maltin għall-għalqa sħiħa tal-kejl ta' ċirka 12,970 metri kwadri. Il-fatt espost mill-appellanti li, għalkemm huma ħarġu minn din l-istorja, dan in-negozju baqa' ma seħħx mhux meqjus relevanti u din il-qorti ma tistagħħġeb xejn dwar dan, peress li wara kollox kien hemm ukoll terzi persuni involuti li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawża u li fin-negozjati li kien hemm bejn il-partijiet jirriżulta li kienu mnaffra mill-istess pretensjonijiet tal-attur Spiteri."

»28. Il-partijiet sottolinejati kollha jippuntaw lejn it-testaġini u animu tal-konvenuti f'din il-kawża, li minħabba fihom l-atturi sofrew tul dawn is-snin. Jemerġi wkoll li l-konvenuti kienu ben konsapevoli ta' kemm kienet tiswa din l-art; b'dana kollu xorta baqgħu, anke wara din is-sentenza, ankrati mal-mandati kollha minflok għarrfu jillimitawhom għal wieħed, dak ta' fuq l-art.

»29. Però biex tassew jipprolungaw il-martirju li kienu għaddejjin minnu l-atturi, għal darba oħra flok fetħu għajnejhom ħallew il-mandati u għamlu kawża ta' ritrattazzjoni, meta, f'kawża bħal din, min jagħmilha għandu telgħa wieqfa quddiemu ħafna aktar minn meta meta jagħmel appell. Jiġifieri l-probabbiltà tar-rebħ tonqos ħafna.

»30. Fis-sentenza tagħha ta' ritrattazzjoni l-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2017 qalet hekk:

> "Din il-qorti tosserva li, kif jidher ċar mis-sentenza attakkata, il-qorti li tat dik is-sentenza eżaminat l-atti bir-reqqa u daħlet sew fil-materja kif jirriżulta mill-istess sentenza u t-talba tal-atturi għar-ritrattazzjoni hija mhux biss infondata, iżda addirittura frivola u vessatorja u għandha tattira l-applikazzjoni tal-artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

»31. Il-fatt li dik il-qorti ħasset li kellha takkolla lill-konvenuti bid-*doppie spese* huwa ċar kemm tassew kienu qegħdin itawwlu u dejjem itawwlu biex sa fl-aħħar l-atturi f'din il-kawża spiċċaw kif spiċċaw, bin-negozju tagħhom jisfaxxa, li jisselfu mingħand it-tfal tagħhom u saħansitra kellhom jimpjegaw rwieħhom f'xogħol menjali għall-aħħar. *Dulcem in fundus* [*recte*, *dulcis in fundo*], l-atturi saħansitra ġew arrestati mill-pulizija fuq rapporti li għamlu l-konvenuti però ġew meħlusa wara sigħat ta' arrest. Tajjeb ukoll li jingħad li tul dawn il-proċeduri ħadd mill-atturi [*recte*, il-konvenuti tallum] ma offra x-xhieda. Xehdet biss it-tifla tagħhom li fil-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda, kważi kważi baqghet tgħid li l-ġenituri tagħha kellhom raġun, tant li l-

qorti diversi drabi ġibditliha l-attenzjoni sabiex tixhed dwar il-fatti tal-kawża u xejn iżjed.

»32. Kif diġà aċċennat aktar 'il fuq, ġurisprudenza lokali hija fis-sens li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabilità għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi. Dan ifisser għall-fatt biss li min tilifha ma jistax ikun miżmum responsabbli għad-danni, sakemm il-ftuħ tal-kawża ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara sentenza fl-ismijiet Farrugia *v.* Sammut, Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u dik Barbara *v.* Fleri Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna taġixxi kapriċċjosament jew b'*mala fede* li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwi l-aġir irresponsabbli tagħha.

»33. Minn eżami tal-provi u ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-qorti, waslet għal konklużjoni li l-konvenuti f'din il-kawża eċċedew il-limiti ta' dak li hu raġjonevolment mistenni minn xi ħadd li jaġixxi *in buona fede*. Dan huwa emfatikament ipprovat mill-*modus operandi* tal-konvenuti, li minkejja d-diversi messaġġi li kienu qegħdin jintbagħtul-hom mid-diversi sentenzi, minflok ipprovaw jimminimizzaw l-effetti tar-raffika ta' mandati billi forsi jillimitaw għall-mandat ta' inibizzjoni, fis-sena 2009 ħarġu mandat ta' sekwestru ieħor, meta saru jafu li l-atturi kienu ser jinkassaw xi flejjes minn proprjetà oħra. Minkejja li kienu jafu li kienu diġà ben kawtelati, bl-inibizzjoni u kif ukoll bis-sekwestri u depożiti li kienu saru mill-banek, intensifikaw l-attakk biex ikunu ċerti li l-atturi ma jirċievu xejn. Il-qorti ma tħares b'ebda għajn favorevoli lejn dan l-aġir, għaliex għalkemm huwa minnu li mandati ta' din ix-xorta joħorġu fuq il-kelma ta' persuna, ma jfissirx b'daqshekk li dawn jistgħu jintużaw bl-addoċċ qiesu ma ġara xejn.

»34. Kieku riedu, il-konvenuti setgħu faċilment aċċettaw li jikkun-tentaw bil-mandat ta' inibizzjoni peress li sehem il-konvenuti kien ma-nifestament jiżboq il-valur tal-pretensjoni tagħhom, aktar u aktar meta kien hemm xi żmien li l-istess kellhom ukoll interess ċar u dirett f'terz indiviż ta' din il-proprjetà, tant li dan ittrasferewh lill-bank. Imma fi kwalunkwe każ, anke kieku kien hemm terzi involuti, eventwalment ma setghu jirriskontraw ebda problema biex jirrejalizzaw flushom, għaliex anke sehem indiviż jista' jinbigħ, tant li artikolu 495 tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi hekk:

> »"(1) Kull komproprjetarju għandu l-proprjetà sħiħa tas-sehem tiegħu u talqligħ jew frottijiet ta' dak is-sehem.
>
> »"(2) Hu jista' jittrasferixxi, iċiedi, jew jipoteka dan is-sehem kif irid, u jista' wkoll, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 912, iqiegħed floku lil ħaddieħor fit-tgawdija ta' dak is-sehem, basta lima jkunux jidħlu jeddijiet persunali: Iżda, l-effett tat-trasferiment jew tal-ipoteka jillimita ruħu għal dak is-sehem li jmiss lill-komproprjetarju fil-qasma."

»Dan ifisser li ma hemm xejn x'jostakola li anke sehem indiviż jinġieb fis-subasta anke jekk ikun hemm terzi involuti, għaliex wara kollox il-bejgħ bil-liċitazzjoni huwa wkoll forma ta' trasferiment.

»35. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel talba.

»Likwidazzjoni tad-danni

»36. L-ewwel ilment tal-atturi huwa dwar danni diretti u immedjati li soffrew b'konsegwenza tal-fatt li kellhom jottjenu garanzija bankarja biex jeħilsu mill-effetti tal-mandati ta' sekwestru. Tajjeb li jingħad li l-atturi bħal donnhom jilmentaw minn dawn is-sekwestri u mhux minn dak ta' inibizzjoni, għaliex, kif rajna, li kien għalihom dan baqa' hemm hekk.

»37. Fir-rigward ta' dawn id-danni, Joanna Bartolo rappresentatriċi tal-*Bank of Valletta* ippreżentat dokument li jindika li b'effett mit-22 ta' Frar 2009 sat-13 ta' Frar 2016 il-konvenuti [*recte*, l-atturi (tallum)] ħallsu bejniethom l-ammont ta' €20,976). Apparti dan l-ammont, kien hemm ukoll *charge* f'ammont ieħor ta' €4,647.15. Minħabba f'hekk l-atturi ħallsu €1,247 mis-6 ta' Marzu 2016 sal-5 ta' Marzu 2016. Biex jagħmlu xi riċerki sabiex saret il-garanzija din switilhom € 2,000. Għal dan l-iskop kellha ssir ukoll valutazzjoni mill-perit Mario Axisa li ġiet tiswa € 3,960 biex setgħet tinħareġ il-garanzija bankarja. L-*invoice* qiegħda fuq iż-żewġ atturi.

»38. Tajjeb li jingħad li jidher li dak li tixhed l-attriċi huwa b'referenza għal meta żbankat il-flus mill-bank ingħatat € 876 anqas taċ-ċedola tad-depositu tal-*Bank of Valletta*. George Stagno Navarra xehed li Andrew Cilia kellu polza mal-bank mill-perjodu 6 ta' Marzu 2009 sal-5 ta' Marzu 2016. Biex iżommha attiva, kien iħallas *premium* ta € 113.50 kull sena. Ħallas € 910 għas-snin kollha. Carmelo Cilia jixhed ukoll li ħallas lill-marixxall Lm 424. Dwar spejjeż ġudizzjarji l-qorti ma għandha ebda taxxi uffiċjali quddiemha. Għalhekk bħala danni diretti l-atturi ġew li sofrew is-somma kumplessiva ta' €35,040.

»39. Il-qorti hija tal-konvinċiment li meta l-konvenuti ottjenew il-mandati in kwistjoni, tal-inqas żgur dawk ta' sekwestru, il-*modus operandi* tagħhom jindika li kienu *in mala fede*. Issa artikolu 1047 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

> »"(1) Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.
>
> »"(2) Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan doloża-ment, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet, kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jigi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-ħsara tkun il-kon-segwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha.
>
> »"(3) Is-somma li għandha tingħata għal dak it-telf ta' qligħ fuq imsemmi tiġi likwidata mill-qorti skont iċ-ċirkostanzi tal-każ".

»40. Minbarra dan, il-qorti hija ukoll konvinta li l-ħruġ tal-mandati in kwistjoni kienu r-rovina diretta tal-ażjenda tal-atturi, sal-punt li l-irġiel kellhom jagħlqu kollox u jimpjegaw lilhom infushom. Il-qorti ma għandha ebda prova quddiemha li bil-mandati jew mingħajrhom dawn xorta waħda kienu ser jieqfu joperaw negozju tagħhom. Il-qorti terġa' tfakkar: ħadd mill-konvenuti ma deherlu li kellu jixhed biex imqar jikkontradixxi n-narrattiva tal-atturi.

»41. Bħala provi dwar ħsara li soffrew, ftit jesistu fl-atti, ħlief ix-xhieda disorjentata tal-konvenuti [*recte*, tal-atturi] (ara per eżempju xhieda ta'

Andrew Cilia a' *fol.* 209 *et seq.*). Però, b'dana kollu, ma jfissirx li din il-qorti ma għandhiex tillikwida somma *in via* ta' valutazzjoni ekwittattiva bħala indennizz għat-telf li għamlu l-atturi b'konsegwenza tal-aġir tal-konvenuti, dan meta anke jkun dettat miċ-ċirkostanzi tal-każ. Meta l-qorti tkun konvinta li danni kien hemm, ma għandhiex taħrab milli tagħti xi xorta ta' danni jew indennizz minħabba nuqqas ta' provi sufficjenti.

»42. Intqal li:

»"Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fissistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu deċizjoni *a* Vol. XXXV-III-615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi '*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare ex æquo et bono secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*". Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix eżonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom għall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naħa tieghu l-ġudikant hu tenut li jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwiżiti fil-proċess. Fi kliem ieħor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni loġika tal-kriterji tal-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur*. Ara f'dan is-sens u fuq dan il-punt id-deċiżjoni riportata *a* Vol. XXIX-I-128" (ara sentenza tat-13 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet Margaret Camilleri *et v. The Cargo Handling Co Ltd*).

»43. Għalhekk din il-qorti ser tillikwida indenizz fl-ammont ta' € 3,000 fis-sena b'effett minn meta nqatgħet l-ewwel sentenza u *cioè* mill-10 ta' Jannar 2012 u kif ukoll ser tordna jitħallsu mgħaxijiet ta' 8% fuq is-somma ta' €35,040 fuq imsemmija ukoll b'effett mill-imsemmija data. Għalhekk, l-indennizz għandu jkun ta' €34,000. Il-qorti hija konvinta li din is-somma ma tagħmilx ġustizzja mal-atturi għas-sofferenzi li għaddew minnhom minħabba l-aġir xejn responsabbli tal-konvenuti.«

9. Il-konvenuti appellaw b'rikors tas-17 ta' Mejju 2023 li l-atturi wieġbu għalih fil-5 ta' Lulju 2023.

10. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti għamlet "konsider-azzjonijiet erronji", u fissru dan l-aggravju hekk:

»Mill-kors tal-konsiderazzjonijiet meħuda fil-qorti li wassluha sabiex tasal għall-konklużjonijiet mertu ta' dan l-appell jirriżulta *oltre* kull *ombra* ta' dubbju li l-qorti għamlet apprezzament kompletament erronju tal-fatti prodotti quddiemha u dan limitatament għal dak li jirrigwarda "d-danni" sofferti mir-rikorrenti in konessjoni mal-mandati kawtelatorji.

»Matul is-sentenza jirriżulta li l-qorti in prim'istanza tissokta tgħid illi fil-mument illi l-esponenti tilfu l-proċeduri in prim'istanza kellhom

jirregolaw ruħhom u mhux jibqgħu "ankrati" mal-mandati u jwebbsu rashom u minflok kellhom jirregolaw ruħhom.

»… … …

»Din l-asserzjoni tal-qorti hija kompletament żbaljata u dan għas-segwenti ragunijiet:

»Fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru numru 1586/06 jirriżulta illi dan kien ġie intavolat lura fis-16 ta' April 2006 iżda kien imħassar permezz ta' kontro-mandat numru 477/09 nhar it-30 ta' Marzu 2009.

»Fir-rigward tal-mandat ta' inbizzjoni numru 1585/06 jirriżulta li dan il-mandat kien ġie wkoll intavolat fis-26 ta' Ottubru 2006 iżda kien ġie mħassar permezz ta' kontro-mandat milqugħ mill-qorti nhar it-13 ta' Marzu 2009.

»Jirriżulta li dawn iż-żewġ kontro-mandati kienu ġew milqugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dana billi r-rikorrenti Cilia kienu dak iż-żmien offrew garanzija bankarja bl-assi tagħhom stess li kienet tissodisfa l-pretensjoni tar-rikorrenti Spiteri *et* f'dawk il-proċeduri.

»Mill-banda l-oħra fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1409/09 jiġi sottomess illi dan is-sekwestru kien sar in konessjoni ma' arbitraġġ li kien hemm bejn il-partijiet li, għalkemm jemani mill-istess fatti, ma kellu ebda relazzjoni mal-kawza 1003/2006. Ta' min wieħed jirrileva illi dak l-arbitraġġ kien intrebaħ minn Spiteri u għalhekk wieħed ma jistax jifehm x'dannu seta' r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri sofra ladarba l-intimati kienu ngħataw raġun.

»Għalhekk bħala stat ta' fatt jirriżulta li l-intimati mal-għotja tas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla ma kellhom xejn x'jirregolaw ruħhom għaliex minn żmien qabel u *cioè* mal-għotja tas-sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili lura fis-sena 2012 l-ebda mandat ma kien għadu fis-seħħ għaliex kien hemm il-garanzija bankarja li kienet qed tagħmel tajjeb.

»Fuq dan l-istess punt isegwi wkoll l-argument tal-qorti in prim'istanza illi skontha l-mandat ta' inbizzjoni kien biżżejjed sabiex jiġu kawtelati l-pretensjonijiet tal-esponenti u għalhekk l-esponenti kellhom b'xi mod ineħħu s-sekwestru kawtelatorju meta s-sekwestru 1585/06 kien diġà tneħħa u s-sekwestru 1409/09 ma kienx konness mal-kawża intavolata mill-appellati Spiteri quddiem ii-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

»*Oltre* minn hekk, il-konklużjoni tal-qorti in prim'istanza hija wkoll erronea *in vista* tal-fatt illi li kieku dan kien il-każ u *cioè* li l-mandat ta' inbizzjoni kien biżżejjed sabiex jiġu kawtelati l-pretensjonijiet tal-esponenti fil-kawża istitwita minnha, allura ma kien ikun hemm ebda raguni għala l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili diversament komposta kellha għalfejn takkorda l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

»Id-digrieti mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mhux talli l-istess qorti ma kkonfermatx il-bżonn tal-ħruġ ta' tali mandat ta' sekwestru kawtelatorju, minkejja li kien hemm il-mandat ta' inbizzjoni, talli meta l-appellati Cilia talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru abbażi tal-fatt illi l-mandat ta' inbizzjoni waħdu kien jissodisfa l-pretensjonijiet talesponenti, dik il-qorti ssoktat tgħid is-segwenti:

> »"Fl-opinjoni tal-qorti dawn il-provedimenti mhux applikabbti għall-każ in eżami. Ma jirriżultax suffiċjentement li hemm garanzija oħra xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimati. Lanqas ma jista'

> jingħad li l-imsemmija garanzija l-oħra tassigura biżżejjed il-pretensjoni tal-intimati.
>
> »"F'dan ir-riqward għandu jingħad li l-valutazzjoni li ġiet preżentata hi valutazzjoni *ex parte*. Jekk tali valutazzjoni hi korretta għandu ikun faċli għar-rikorrenttli jottjenu garanzija bankarja għall-ammont pretiż mill-intimati fit-talba tagħhom għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwestjoni. *Inoltre* jirriżulta li s-sehem tar-rikorrenti mill-art in kwestjoni hu sehem indiviż. Għalhekk jista' hemm drittijiet ta' terzi konnessi mal-istess biċċa art. Dan kollu jfisser li l-intimati raġonevolment setgħu kellhom dubji dwar is-solvenza tar-rikorrenti,
>
> »"Lanqas ma jirriżultaw l-estremi li trid il-liġi sabiex tiġi applikata l-penali skond il-provvedimenti tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jirriżultax li ma kienx hemm għalfejn li jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwestjoni."

»Is-sentenza hawn fuq ċitata u l-konklużjonijiet meħuda mill-qorti hemmhekk huma kollha in ġudikat u l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili f dawn l-odjerni proċeduri ma setgħet qatt allura tasal għal konkluzjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta fil-proċeduri għar-revoka tal-mandat.«

11. Hija fiergħa biex ma ngħidux assurda l-asserzjoni tal-konvenuti illi huma ma kellhomx għalfejn, fi kliem l-ewwel qorti, "fethu għajnejhom dwar kif għandhom jirregolaw rwieħhom fir-rigward tal-mandati kawtelatorji"[2], għax il-mandati kienu tħassru bil-ħruġ ta' kontro-mandati, meta kien appuntu biex tħassru l-mandati illi l-atturi kellhom jidħlu fi spejjeż biex jagħmlu depożiti u garanziji bankarji.

12. Lanqas ma għandhom relevanza f'dan l-istadju l-provvedimenti – li, kontra dak li jgħidu l-konvenuti, ma humiex *res iudicata* – dwar il-ħtieġa tal-mandati mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara stħarriġ biss formali u *prima facie*, irrispettivament minn jekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-waqt, kinux meħtieġa jew le.

13. Il-qorti għalhekk tiċħad l-aggravju.

---

2 Para. 27 tas-sentenza appellata

14. Fit-tieni aggravju l-konvenuti jgħidu illi huma “ma kkawżaw ebda dannu”, u fissru l-aggravju hekk:

> »F’dan ir-rigward jiġi sottomess illi sabiex tirnexxi l-azzjoni promossa mir-rikorrenti kellu jiġi provat illi l-esponenti aġixxew b’xi mod *in mala fede* jew grossolan.
>
> »… … …
>
> »Mill-provi prodotti fil-mori ta’ dawn il-proċeduri minn imkien ma ġie ppruvat illi l-esponenti bl-intavolar tal-mandat kawtelatorju aġixxew *in mala fede* jew b’mod grossolan. Anzi s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward tar-revoka tal-istess mandat iċċitata iktar ’il fuq tikkontradixxi dan kollhu tant li tgħid li ma hemm l-ebda lok li jiġu applikati penali *ai termini* tal-artikolu 836(8).
>
> »Ir-raġunament tal-qorti illi ladarba it-talbiet tal-intimati fil-kawża istitwita minnhom ġew miċħuda in prim’istanza kellhom jeħduhom bħala ben fatt jew xi forma ta’ ammoniment, u għaldaqstant kellhom għal xi raguni jirrinunzjaw għal uħud mill-għodod kawtaletorji intavolati minnhom (apparti l-fatt li tali konstatazzjoni hija erronja mil-lat fattwali *stante* li ma kien għad fadal l-ebda mandat) hija erronka mil-lat legali u dana billi ladarba l-esponenti kienu appellaw bl-ebda mod ma kien ifisser li ma setgħux jingħataw raġun fl-appell. Tali raġunament da parti tal-qorti in prim’istanza jmur kontra l-eżistenza u l-għan tal-appell innifsu, li jikkonesta u jaqleb kwalunkwe deċiżjoni. L-appellanti ma humiex veġġenti u ħadd ma jista’ jipprevedi kemm in prim’istanza kif ukoll fl-appell l-eżitu li dik il-qorti tista’ tasal għalih. Li kieku dan kien il-każ, kieku ħadd ma jiftaħ kawżi!
>
> »Anqas ma jista’ qatt jiġi sostanzjat dan l-argument promoss mill-qorti bil-fatt illi meta saret ir-ritrattazzjoni ġew allokati d-*doppie spese* fil-konfront tal-esponenti.
>
> > »“Il-fatt li dik il-qorti ħasset li kellha takkolla lill-konvenuti bid-*doppie spese* huwa ċar kemm tassew kienu qegħdin itawwlu u dejjem itawwlu biex sa fl-aħħar l-atturi f’din il-kawża spiċċaw kif spiċċaw … … …”
>
> »Il-fatt li ġew imposti d-*doppie spese* fuqhom bl-ebda mod ma kien ifisser illi mill-bidu sa tmiem il-proċeduri intavolati mill-esponenti kienu mnawra bil-*mala fede* jew saru b’mod negliġenti. *In pessima ipotesi* kien fil-mument li ġie miċħud l-appell sad-deċiżjoni tar-ritrattazzjoni li l-qorti setgħet issib xi forma ta’ ħtija, għalkemm l-esponenti xorta waħda jisħqu illi dawn il-proċeduri xorta wahda saru għaliex verament kienu u għadhom jemmnu li għandhom raġun fit-talbiet tagħhom. Iżda ovvjament id-deċiżjoniet tal-qrati kienu li kienu u għaldaqstant wieħed irid ibaxxi rasu għal dak deċiż.
>
> »Fil-fatt fl-ebda mument il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-appell ma ppronunzjat ruħha fis-sens illi l-appell interpost kien wieħed fieragħ u vessatorju.«

15. Bla ma hemm għalfejn nidħlu f’konsiderazzjonijiet dwar jekk biex ikun hemm responsabbiltà għad-danni huwiex tassew meħtieġ illi jintwera illi l-

konvenuti kienu *in mala fide* – għax jekk bil-ħruġ tal-mandat il-parti li kontra tagħha nħareġ il-mandat ġarrbet danni, xi ħadd dawk id-danni jkollu jbatihom, u ma hijiex għalkollox imġebbda jew ta' barra minn hawn il-konklużjoni li dawk id-danni għandu jagħmel tajjeb għalihom mhux min kellu raġun jirreżisti kontra l-pretensjoni mħarsa bil-mandat iżda pjuttost minn kellu tort jikkawtela pretensjoni infondata bil-ksib ta' mandati maħruġa "taħt ir-responsabbiltà" tiegħu[3], irrispettivament minn jekk kienx *in boda fide* jew *in mala fide* meta kiseb il-ħruġ tal-mandat; anzi, tkun irrazzjoniali u kontra kull sens ta' ġustizzja l-konklużjoni kuntrarja li d-danni tbatihom il-parti li kellha raġun; il-*mala fides* ikollha relevanza *se mai* għall-*quantum* tad-danni, mhux tar-responsabbiltà – din il-qorti, bħall-ewwel qorti, ma għandhiex l-iċken dubju illi l-konvenuti mxew mhux biss b'*culpa* iżda wkoll b'*dolus*, u għalhekk, ukoll jekk b'xi mod naslu biex ngħidu illi huwa biss jekk il-parti li ħarġet il-mandati mxiet b'*dolus* jew *culpa lata* illi l-parti innoċenti għandha jedd għad-danni, għax jekk le l-parti innoċenti jkollha tikkonsla bit-tagħrif li kellha raġun iżda d-danni xorta tbatihom hi.

16. Il-kawża mibdija mill-konvenuti tallum kontra l-atturi kienet dwar interpretazzjoni ta' ftehim li l-partijiet ma kinux qablu dwarha. Fl-ewwel sentenza li ngħatat fil-kawża – dik tal-10 ta' Jannar 2012 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – il-qorti qablet mal-interpretazzjoni mogħtija mill-atturi tallum mhux biss minn qari tal-ftehim iżda wkoll għax qieset illi x-xiehda mogħtija mill-konvenut tallum kienet "sforz fjakk" biex jiġbed ir-raġun lejh, u għalhekk ma qagħditx fuqu. Bilkemm jista' jitqies *in bona fide* min ma

3 Art. 829 Kod. Proċ. Ċiv.

jixhidx is-sewwa u jwassal biex qorti tqis ix-xhieda tiegħu bħala "sforz fjakk".

17. Il-Qorti tal-Appell, imbagħad, fis-sentenza tal-11 ta' Marzu 2016 qablet mal-ewwel qorti illi "r-raġunijiet migjuba mill-attur [il-konvenut tallum] huma pjuttost fjakki" u osservat illi:

> »kif wieħed jista' faċilment jara, il-partijiet kontendenti f'din il-kawża jagħtu verżjonijiet differenti għall-aħħar, li jfisser li l-eżitu tal-kawża jiddependi ħafna fuq il-kredibbilità tal-partijiet, bil-qorti toqgħod fuq l-*onus probandi* li l-partijiet għandhom jippruvaw dak allegat minnhom. Din il-qorti wara li għarblet ix-xiehda kollha miġbura fil-kawża, tista' tgħid li x-xiehda tal-konvenuti kienet konsistenti tul il-proċeduri kollha, anke taħt l-iskrutinju tal-kontro-eżami. Ma jistax, iżda, jingħad l-istess fil-każ tal-attur Angelo Spiteri … … …«

18. Angelo Spiteri, il-konvenut tallum, ċertament kien jaf id-differenza bejn il-fatti kif seħħew u l-fatti kif narrati minnu, u kien jaf għalhekk illi l-mandati li kiseb il-ħruġ tagħhom kienu msejsa fuq allegazzjonijiet ta' fatti li ma kellhomx mis-sewwa.

19. Din ukoll hija xiehda ta' *mala fides*.

20. Fis-sentenza mbagħad mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2017 fil-kawża ta' ritrattazzjoni l-qorti osservat illi t-talba tal-konvenuti tallum għar-ritrattazzjoni kienet "mhux biss infondata, iżda addirittura frivola u vessatorja", u għalhekk ċaħdet it-talba u ikkundannathom iħallsu l-ispejjeż għal darbtejn, kif igħid u jrid l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

21. Dan ifisser illi mhux biss il-konvenuti tallum fetħu l-kawża kontra l-atturi meta mill-bidunett kienu jafu li msejsa fuq premessi li ma kellhomx mis-sewwa, iżda baqgħu jippersistu u komplew b'hekk żiedu l-ħsara li għamlu lill-atturi.

22. Billi għalhekk huwa evidenti illi l-konvenuti kienu *in mala fide* meta kisbu l-ħruġ tal-mandati kontra l-atturi, dan l-aggravju huwa miċħud.

23. Fit-tielet aggravju l-konvenuti jgħidu illi "l-appellati ma għandhom ebda dritt għal danni ladarba l-qorti ddeċidiet illi l-arranġamenti ta' bejn il-partijiet kienu milquta mill-illeċitu", u komplew fissru l-aggravju hekk:

> »Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell bejn il-partijiet (inversi)[4], dik il-qorti ssoktat tgħid:
>
> > »"Għalhekk f'dan il-każ huwa ritenut li ma jistgħux l-atturi issa jiġu quddiem il-qrati sabiex jittantaw jirkupraw kwalunkwe telf li setgħu għamlu b'dan in-negozju, li sar ukoll bil-ħsieb li jiksru l-liġi, u jippretendu l-protezzjoni tal-istess liġi a bażi tal-prinċipju tal-arrikkiment indebitu. Wara kollox l-obbligazzjonijiet minnhom assunti huma derivanti minn kawża illeċita, u għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma jistgħu jsibu ebda soljiev mill-ċrati permezz tal-kawża mressqa minnhom.
>
> »Ladarba skont dik il-qorti l-pretensjonijiet tal-appellanti f'dik il-kawża kienu milquta mill-illeċitu allura anki d-danni li llum r-rikorrenti Cilia qed jippretendu jifformaw parti mill-illeċitu għax kienu komparteċipi.«

24. Il-konvenuti tallum kienu talbu illi l-appell maqtugħ bis-sentenza tal-11 ta' Marzu 2016 jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza, għax igħidu illi dik is-sentenza "kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew middokumenti tal-kawza"[5]. Igħidu illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza appellata kienet qieset li kien hemm kawża illeċita għax il-prezz ta' sehem mhux maqsum ta' proprjetà li l-atturi tallum kienu ntrabtu li jbigħu lill-konvenuti b'*datio in solutum* kien muri baxx aktar milli fil-fatt kien għal għanijiet ta' evażjoni fiskali.

25. Aktar u aktar jekk kien hemm *causa* illeċita l-mandati maħsuba biex iħarsu l-pretensjoni msejsa fuq dik il-*causa* nkisbu *in mala fide*. Il-*causa* illeċita tolqot il-pretensjoni tal-konvenuti tallum fil-kawża li huma fetħu, u

---

4 Is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2016

5 Art. 811(*l*), Kod. Proċ. Ċiv.

mhux il-pretensjoni tal-atturi tallum għal risarċiment tad-danni mġarrba b'konsegwenza ta' mandati miksuba *in mala fide*.

26. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

27. Ir-raba' aggravju jolqot il-likwidazzjoni tad-danni, u ġie mfisser hekk:

> »Il-Prim' Awla tal-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-esponenti kellhom jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti kawża tal-mandati kawtelatorji intavolati mill-intimati.
>
> »F'dan ir-rigward jiġi sottomess illi l-qorti ma setgħet qatt tillikwida danni allegatament ikkaġunati kawża tal-mandat ta' sekwestru rappreżentanti t-telf ta' negozju u kwalunkwe interessi konnessi mal-istess u dana billi la tressqet prova tad-dannu soffert mir-rikorrenti u wisq anqas l-istess qorti ma kienet konvinta illi n-negozju tar-rikorrenti kien ser ikompli għaddej daqs li kieku xejn mhu xejn bis-sekwestri jew le.
>
> »Fil-fatt fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-qorti tikkontradiċi lilha nnifisha u dana billi f'paragrafu 40 tas-sentenza fl-istess nifs tgħid:
>
> > »"Minbarra dan, il-qorti hija ukoll konvinta li l-ħruġ tal-mandati in kwistjoni kienu r-rovina diretta tal-ażjenda tal-atturi, sal-punt li l-irġiel kellhom jagħlqu kollox u jimpjegaw lilhom infushom. Il-qorti ma għandha ebda prova quddiemha li bil-mandati jew min-għajrhom dawn xorta waħda kienu ser jieqfu joperaw negozju tagħhom."
>
> »Jekk il-qorti [lan]qas biss kienet konvinta illi n-negozju tar-rikorrenti sfaxxa kawża tal-mandati kif setgħet tasal għal konkluzjoni li kien hemm ness dirett bejn il-mandati kawtelatorji intavolati u l-isfaxxar tal-istess negozju?
>
> »Jirriżulta illi minkejja li skont il-qorti dan in-negozju kien wieħed vitali għar-rikorrenti tant li skonthom ma setgħu iħallsu lil ħadd kawża tal-mandati, sabiex ineħħu s-sekwestru ħadu 'l fuq minn sentejn u dana billi … taw garanzija bankarja fuq l-assi tagħhom stess.
>
> »Minkejja li l-pern tal-azzjoni tagħhom kien fil-fatt illi kawża tal-mandati huma tilfu in-negozju, xrara prova ta' dan ma teżistix. Jekk din il-qorti kellha tagħti titwila lejn ix-xhieda tal-atturi Cilia jingħad illi sorprendentement la jaqblu fuq kemm kellhom ħaddiema fin-negozju tagħhom u anqas ma kienu jafu kemm fil-fatt dan in-negozju kien jagħmel profitt. Tant kien jidher li dan in-negozju kien jagħmel profitt illi mis-sekwestru intavolat fil-konfront tagħhom kull ma rnexxielhom jiġu depożitati kienu ftit għexieren tal-eluf ta' Liri Maltin.
>
> »Kien oneru tar-rikorrenti illi jġibu prova tad-danni sofferti minnhom.
>
> »… … …
>
> »Id-danni pretiżi mir-rikorrenti fir-rigward tat-telf tan-negozju tagħhom setgħu faċilment ġew pruvati li kieku kienu minnhom. Ma hemmx għalfejn illi wieħed jagħmel il-kuntrumbajsi sabiex iġib it-*tax returns* jew

> il-kontijiet tal-*accountant* u biżibilju ta' dokumenti oħra li b'xi mod juri fattwalment xi qligħ kien qiegħed isir.
>
> »Iżda minn dan kollu ma sar xejn għas-sempliċi raġuni li dan in-negozju ma kien qed jagħmel ebda qligħ. Li kieku n-negozju kien sejjer daqshekk tajjeb u kien tant vitali għar-rikorrenti, kieku ma kinux iħallu jgħaddu sentejn sħaħ bis-sekwestru fuq rashom meta setgħu faċilment, kif sussegwentement għamlu, jagħtu garanzija bankarja fuq l-assi tagħhom stess.
>
> »U għalhekk *in vista* ta' dan ma kien hemm ebda raġuni valida fil-liġi għala l-qorti in prim' istanza kellha tipproċedi sabiex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri*. Huwa biss fejn huwa impossibli li jiġi kwantifikat id-dannu illi l-qorti għandha s-setgħa li tillwikida d-danni minn jeddha, u mhux meta għal kwalunkwe raġuni jew skuża, jew għax wieħed irid jaħbi, jonqos milli jressaq il-provi meħtieġa.«

28. Il-konvenuti fehmu l-paragrafu 40 tas-sentenza appellata bil-maqlub. Li qalet il-qorti ma hux illi ma kienx hemm prova – li kienet tmiss lill-atturi – illi n-negozju tal-atturi kien sejjer ikompli għaddej li mhux għall-mandati; li qalet hu li ma hemmx prova – li kienet tmiss lill-konvenuti – illi n-negozju tal-atturi xorta kien sejjer ifalli wkoll li kieku ma nħarġux il-mandati. Kif iridu jifhmuha l-atturi jkollok tgħid illi l-vittma li ntlaqat minn karrozza ma jkollux jedd għad-danni jekk ma jressaqx prova illi ma kienx sejjer jiżloq fin-niexef u xorta jkorri anke kieku ma ntlaqatx bil-karrozza.

29. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi tant in-negozju tal-atturi ma kienx jiswa wisq illi "kull ma rnexxielhom jiġu depożitati kienu ftit għexieren tal-eluf ta' Liri Maltin". Mhux għal kulħadd "ftit għexieren tal-eluf ta' Liri Maltin" huma "ftit". Barra minn hekk, il-fatt illi negozjant ma jkollux ħafna flus likwidi – jew ikollu "ftit" – ma jfissirx illi n-negozju miexi ħażin; ifisser illi l-flus flok jitħallew reqdin jiġu investiti fin-negozju. Il-fatt imbagħad illi n-negozjant ikun mhux biss imċaħħad mill-użu ta' flusu iżda wkoll mill-fakoltà li jissellef biex ikabbar il-*leverage* fl-użu tal-flus naturalment ikompli jkabbar it-telf. Fil-fatt, għalkemm l-atturi jgħidu li ma kinux jisselfu mill-banek, il-kawża

miftuħa mill-konvenuti tallum kienet konsegwenza ta' ftehim bejn il-partijiet biex l-atturi jisselfu flus bis-saħħa ta' garanziji mogħtija mill-konvenuti biex jixtru proprjetà bi qligħ u lill-konvenuti jħallsuhom b'*datio in solutum* ta' sehem mhux maqsum minn dik il-proprjetà.

30. Ngħaddu mela għall-meritu tal-aggravju.

31. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, il-materja hija regolata bl-art. 1047 tal-Kodiċi Ċivili:

> »**1047.** (1) Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.
>
> »(2) Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan doloża-ment, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet, kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jigi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha.
>
> »"(3) Is-somma li għandha tingħata għal dak it-telf ta' qligħ fuq imsemmi tiġi likwidata mill-qorti skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.«

32. L-elementi tal-ħsara huma tlieta: i. l-ispejjeż ġudizzjarji u bankarji biex ingħatat garanzija bankarja biex setgħu tneħħew il-mandati; ii. l-imgħax-ijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-flus li l-atturi ġew imċaħħda mill-użu tagħhom għax marbutin bil-mandati u, wara, bil-garanzija; u iii. telf ta' qligħ billi l-konvenuti mxew dolożament,

33. L-ewwel qorti illikwidat l-ewwel kap ta' spejjeż fil-pargrafi 36 sa 38. Ma illikwidatx spejjeż ġudizzjarji relattivi għall-kontro-mandati billi ma kellhiex il-provi relattivi; qagħdet biss fuq il-provi dwar spejjeż biex setgħet issir il-garanzija bankarja. Il-qorti illikwidat dawn l-ispejjeż – li huma kollha

ġustifikati b'dokumenti u xiehda oħra fl-atti – fis-somma ta' ħamsa u tletin elf u erbgħin euro (€35,040).

34. Meta mbagħad il-qorti ġiet biex tillikwida d-danni minħabba telf ta' qligħ, osservat illi "bħala provi dwar ħsara li soffrew, ftit jeżistu fl-atti, ħlief ix-xhieda diżorjentata tal-konvenuti [*recte*, tal-atturi]". Tassew illi x-xiehda mressqa mill-atturi dwar it-telf ta' qligħ min-negozju xejn ma hija fokata, u sewwa jgħidu l-konvenuti illi setgħet faċilment titressaq prova aħjar bil-produzzjoni tal-provi msemmija fir-rikors tal-appell.

35. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi tista' toqgħod fuq ix-xiehda tal-atturi li n-negozju tagħhom falla għax imxekkel bil-miżuri kawtelatorji – il-mandati u l-garanzija li ħaditilhom posthom, bi rbit ta' proprjetà biex tagħmel tajjeb – iżda taqbel ukoll illi x-xiehda dwar il-*quantum* tat-telf ma fihiex tagħrif biżżejjed biex tista' tasal għal ċifri solidi. Minflok, l-ewwel qorti illikwidat id-danni *arbitrio boni viri* "fl-ammont ta' € 3,000 fis-sena b'effett minn meta nqatgħet l-ewwel sentenza u *cioè* mill-10 ta' Jannar 2012".

36. Tassew illi ġudizzju *arbitrio boni viri* ma għandux jieħu post ta' ġudizzju msejjes fuq provi konkreti u ma għandux jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' parti li tressaq dawk il-provi. Min-naħa l-oħra ċ-ċifra ta' tlitt elef euro (€ 3,000) fis-sena bħala telf ta' dħul – b'kollox erbgħa u tletin elf euro (€ 34,000) – ċertament hija konservattiva għall-aħħar u, barra minn hekk, l-ewwel qorti qieset id-*dies a quo* minn meta nqatgħet l-ewwel sentenza fil-kawża mibdija mill-konvenuti tallum flok minn meta nħarġu l-mandati li, kif rajna, inħarġu abużivament sa mill-bidunett.

37. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi "hija konvinta li din is-somma ma tagħmilx ġustizzja mal-atturi", u din il-qorti ma hijiex sejra tkompli żżid din l-inġustizzja billi tilqa' l-aggravju.

38. Fadal element ieħor ta' danni: dik "tal-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena" kif irid l-art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa l-meritu tal-ħames u l-aħħar aggravju, li huwa dwar l-imgħaxijiet, u ġie mfisser hekk:

> »… … … l-esponenti joġġezzjonaw għall-imponiment [*sic*] tal-imgħax-ijiet kif iffissati mill-qorti.
>
> »Fl-ewwel lok jiġi sottomess illi kif hija ġurisprudenza assodata mill-qrati tagħna l-imgħaxijiet dovuti f'kawża għal likwidazzjoni ta' danni jibdew jiddekorru minn dakinhar li tingħata s-sentenza u dana billi kien minn dakinhar illi fattwalment gie likwidat id-dannu
>
> »Ulterjorment jirriżulta illi l-flejjes konnessi fir-rigward tas-sekwestru numru 1586/06 ġew illiberati lura fis-sena 2009 u għalhekk … jekk kien hemm xi mgħaxijiet dovuti dawn kellhom jingħataw għal dan il-perjodu. Fil-fatt jekk din il-qorti kellha tagħti titwila lejn il-premessi tar-rikors promotur jirrizulta illi huma jitolbu mgħaxijiet mis-26 ta' Ottubru 2006 sas-6 ta' Lulju 2009.
>
> »Filwaqt li l-qorti ma setgħet qatt tillikwida danni konnessi mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1409/09 u dan billi dan il-mandat kien inħareġ in konnessjoni ma' arbitraġġ bejn il-partijiet, liema arbitraġġ intrebaħ mill-esponenti Spiteri l-istess kontro-mandat ħareġ wara li ħallsu r-rikorrenti Ċilia!«

39. Li qegħdin jinsew il-konvenuti hu illi dawn ma humiex imgħaxijiet fuq id-danni iżda huma d-danni nfushom kif irid l-Art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dawn huma danni talli parti ttellef lil oħra l-użu tal-flus tagħha, u għahekk huwa loġiku li jibdew jgħaddu minn dakinhar li beda t-telf tal-użu. Fil-fatt l-ewwel qorti kienet favorevoli għall-konvenuti minn żewġ naħat: i. meta iddeċidiet illi l-imgħax jibda minn dakinhar li ngħatat l-ewwel sentenza fil-kawża mibdija mill-konvenuti, u mhux minn dakinhar li nħarġu l-mandati; u ii. meta kkundannat lill-konvenuti jħallsu mgħaxijiet biss fuq il-flus li ħarġu l-atturi biex kisbu garanzija bankarja, u mhux fuq il-flus kollha milquta bil-mandati. Għalhekk l-argument dwar "il-flejjes konnessi fir-rigward tas-

sekwestru numru 1586/06 [illi] ġew illiberati lura fis-sena 2009" huwa irrelevanti.

40. L-atturi baqgħu sallum imċaħħda mill-użu tal-flus li ħarġu biex kisbu l-garanzija bankarja, u għalhekk dawn id-danni għadhom iġarrbuhom sallum. Jgħidu ħażin għalhekk il-konvenuti meta jgħidu illi d-*dies ad quem* għandu jkun is-6 ta' Lulju 2009.

41. Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, ma jistax jintlaqa'.

***DECIDE :***

42. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata.

43. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss